MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' April, 2014

Numru. 410/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Omar Bekbak**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omar Bekbak detentur tal-karta tal-identita` numru 418588(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' April 2014 gewwa l-Gzira, ghal habta ta' 14:00pm, fi Triq ix-Xatt, Gzira, ikkommetta serq ta' Driller, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u ghad-detriment ta' Daniel Stoyanov ta' nazzjonalita Bulgara u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;
2. U aktar talli f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahalu sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat il-fedina penali kwazi netta u li r-refurtiva giet ritornata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(c)(g), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issb lill-imputat Omar Bekbak hati biss tal-ewwel akkuza kif deotta kontrih u tordna li jitqieghed that ordni ta' Probation ghal sena (1) filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuza stante li din hija alternattiva ghal tal-ewwel.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------